

- a) Il-Qorti Ġenerali naqset milli tikkonstata li l-Bord tal-Appell kellu jitlob osservazzjonijiet supplimentari dwar l-Artikolu 8(4) f'ċirkustanzi fejn l-unika mezz kif setgħet tiġi żgurata l-ekwità tal-proċedura kien ikun li l-Bord tal-Appell jitlob dawn l-osservazzjonijiet jew jiddeċiedi biss dwar l-Artikolu 8(5) u jibgħat il-kwistjoni dwar l-Artikolu 8(4) lura quddiem id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni. Id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell kellha tiġi annullata mill-Qorti Ġenerali.
- b) Il-Qorti Ġenerali żbaljat meta kkonfermat il-konklużjoni tal-Bord tal-Appell li TBL ma kinitx issodisfat ir-rekwiżiti għall-applikazzjoni tal-Artikolu 8(4). Il-Qorti Ġenerali kellha tikkonstata l-iżball tal-Bord tal-Appell, tannulla l-konstatazzjonijiet tal-Bord tal-Appell dwar l-Artikolu 8(4) billi tissostitwixxihom mal-konstatazzjoni ta' ksur tal-Artikolu 8(4).
- 3) Aggravji bbażati fuq ksur tal-Artikolu 8(1) tar-RTUE
- a) Il-Qorti Ġenerali żbaljat meta applikat il-ġurisprudenza Praktiker peress li fid-dawl tas-sentenza tal-11 ta' Ottubru 2017, EUIPO vs Cactus (C 501/15 P, EU:C:2017:750), din ma hijiex applikabbli fil-każ ineżami għat-trade marks preċedenti.
- b) Barra minn hekk jew sussidjarjament, il-Qorti Ġenerali wettqet żball meta applikat il-ġurisprudenza Praktiker peress li din is-sentenza ma tapplikax għal servizzi ta' galleriji kummerċjali.
- c) Anki jekk jiġi rrikonossut li t-trade marks preċedenti ta' TBL kienu jaqgħu taħt il-kunċett ta' "servizzi ta' bejgħ bl-immnut" u għalhekk taħt il-ġurisprudenza Praktiker, il-Qorti Ġenerali kienet żbaljata meta interpretat is-sentenza Praktiker fis-sens li neċessarjament tipprekludi xebh li jimplika konfużjoni.
- d) Peress li żbaljat fil-konstatazzjonijiet ta' għalhekk tal-applikazzjoni tal-ġurisprudenza Praktiker, il-Qorti Ġenerali naqset milli (i) twettaq evalwazzjoni tal-probabbiltà ta' konfużjoni jew (ii) tirrinvija din l-evalwazzjoni lill-Bord tal-Appell. Fiċ-ċirkustanzi inkwistjoni, hija kienet obbligata tieħu wieħed minn dawn il-passi.

⁽¹⁾ Regolament 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2017, L 154, p. 1)

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fid-19 ta' Marzu 2018 – Pollo del Campo S.c.a., Avi Coop Società Cooperativa Agricola vs Regione Emilia-Romagna et

(Kawża C-199/18)

(2018/C 240/18)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Consiglio di Stato

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Pollo del Campo S.c.a., Avi Coop Società Cooperativa Agricola

Konvenuti: Regione Emilia-Romagna, Azienda Unità Sanitaria Locale 104 di Modena, A.U.S.L. Romagna

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 27 tar-Regolament li jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-irkupru ta' taxa inkonnessjoni mal-attivajiet elenkati fit-Taqsima A tal-Anness IV u fit-Taqsima A tal-Anness V, għandu jiġi interpretat fis-sens li dan jimponi l-obbligu tal-ħlas fuq l-imprendituri agrikoli kollha anki meta dawn "jeżerċitaw l-attivajiet ta' qtil u tqattigħ ta' laħmijiet li jkunu aċċessorji u konnessi mal-attività ta' trobbija tal-annimali"?

- 2) Stat Membru jista' jeskludi mill-ħlasijiet tas-sanità ċerti kategoriji ta' impriżi meta dan ippreveda għal sistema ta' rkupru ta' taxxi li huwa adegwat sabiex tiġi żgurata b'mod globali l-kopertura tal-ispejjeż sostnuti għall-kontrolli uffiċjali jew li japplika tariffi inferjuri għal daww previsti mir-Regolament 882/2004 ⁽¹⁾?

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi ta' l-għalf u l-ikel, mar-regoli dwar s-saħħa ta' l-annimali u l-welfare ta' l-annimali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 45, p. 200, rettifika fil-ĠU 2015, L 187, p. 91).

Talba għal deċizzjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fid-19 ta' Marzu 2018 – C.A. F.A.R. – Società Agricola Cooperativa, Società Agricola Guidi di Roncofreddo di Guidi Giancarlo e Nicolini Fausta vs Regione Emilia-Romagna et

(Kawża C-200/18)

(2018/C 240/19)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Consiglio di Stato

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: C.A.F.A.R. – Società Agricola Cooperativa, Società Agricola Guidi di Roncofreddo di Guidi Giancarlo e Nicolini Fausta

Konvenuti: Regione Emilia-Romagna, Azienda Unità Sanitaria Locale 104 di Modena, A.U.S.L. Romagna

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 27 tar-Regolament li jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-irkupru ta' taxxa inkonnessjoni mal-attivitajiet elenkati fit-Taqsima A tal-Anness IV u fit-Taqsima A tal-Anness V, għandu jiġi interpretat fis-sens li dan jimponi l-obbligu tal-ħlas fuq l-imprendituri agrikoli kollha anki meta dawn "jeżerċitaw l-attivitajiet ta' qtil u tqattigħ ta' laħmijiet li jkunu aċċessorji u konnessi mal-attività ta' trobbija tal-annimali"?
- 2) Stat Membru jista' jeskludi mill-ħlasijiet tas-sanità ċerti kategoriji ta' impriżi meta dan ippreveda għal sistema ta' rkupru ta' taxxi li huwa adegwat sabiex tiġi żgurata b'mod globali l-kopertura tal-ispejjeż sostnuti għall-kontrolli uffiċjali jew li japplika tariffi inferjuri għal daww previsti mir-Regolament 882/2004 ⁽¹⁾?

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi ta' l-għalf u l-ikel, mar-regoli dwar s-saħħa ta' l-annimali u l-welfare ta' l-annimali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 45, p. 200, rettifika fil-ĠU 2015, L 187, p. 91).

Talba għal deċizzjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Arbitral Tributário (Centro de Arbitragem Administrativa – CAAD) (il-Portugall) fis-26 ta' Marzu 2018 – Idealmed III – Serviços de Saúde SA vs Autoridade Tributária e Aduaneira

(Kawża C-211/18)

(2018/C 240/20)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Qorti tar-rinviju

Tribunal Arbitral Tributário (Centro de Arbitragem Administrativa – CAAD)